MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-13 ta' April, 2011

Talba Numru. 1677/2010

**Socjeta' 360 Food Import Limited
C- 46590**

**vs**

**Fenech Georgette**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha tigi ordnata li thallas is-somma ta' tliet mija tmienja u sebghin Ewro (€378.00), jew somma verjuri, rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Lulju, 2010 u tal-ittra legali tal-20 ta' Awissu, 2010 u bl-imghax tat-8% fuq tliet mija tmienja u sebghin Ewro (€378.00) mill-1 ta' Lulju 2010 sal-hlas effettiv, u inkluz tlieta u ghoxrin Ewro u

tletin centezmu (€23.30c) – konsult, kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' tliet mija tmienja u sebghin Ewro (€378.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------